MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 12

10 ta' Novembru 2008

Minuti tas-Seduta Nru. 12 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 10 ta' Novembru 2008.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 11 ta' l-10 ta' Novembru 2008 ġew approvati u ffirmati mingħajr ma saru emendi.

## 2.0. Korrispondenza

### 2.1.1. Tibdil fil-livelli tat-triq f'Dawret it-Tunnara (P/5/8/T)

2.1.2. Saret referenza għal talba datata 26 ta' Awissu 2008, mill-Perit Robert Musumeci f'isem Paul Camilleri sabiex jgħolli l-livell tat-triq f'Dawret it-Tunnara. Dan billi fil-preżent hemm qagħda fit-triq, bir-riżultat li l-ilma tax-xita qed imur fil-proprjetà tiegħu. Il-Kunsill ġie wkoll mgħarraf li sitt persuni differenti li għandhom proprjetà fil-parti affettwata ddikjaraw li m'għandhomx oġġezzjoni għal dan.

2.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux ikun hemm oġġezzjoni li jinbidlu l-livelli tat-triq kif propost fuq il-pjanta annessa ma' l-ittra msemmija sakemm:

- L-ispejjeż involuti jsiru mill-applikant;
- Is-sidien tal-binjiet kollha affettwati jiddikjaraw li ma jsibux oġġezzjoni; u
- Jinkiseb il-permess tal-MEPA.

### 2.2.1. Tmexxija tax-Xelters tat-Tieni Gwerra u l-Batterija ta' Westreme (A/6/7/Vol II)(P/4/4/Vol IV)

2.2.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta' ittra datata 31 ta' Ottubru 2008, it-Taqsima Proprjetà tal-Gvern għarrfet lill-Kunsill illi ma ssibx oġġezzjoni li l-amministrazzjoni tax-Xelters tat-Tieni Gwerra u l-Batterija ta' Westreme jgħaddu f'idejn l-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina u l-Art Club 2000, rispettivament.

2.2.3. Is-Segretarju qal li issa fadal li l-avukat jiffinalizza t-test tal-ftehim dwar ix-Xelters emendat, skond kif iddeċieda l-Kunsill sabiex jiġi mgħoddi lill-Għaqda għall-iffirmar.

2.2.4. Is-Sindku ppropona li possibilment il-ftehim jiġu ffirmati waqt l-attivitajiet Milied Mellieħa.

2.2.5. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

**2.3.1. Mafkar f'ġieħ il-Perit Carm Lino Spiteri fuq il-Belveder tas-Sur (P/4/3/Vol IV)**

2.3.2. Saret referenza għal applikazzjoni li tressqet lill-MEPA mill-Società Filarmonica La Vittoria – PA 5063/08 – fejn talbu li jitwaqqaf mafkar fuq il-Belveder Tas-Sur qabel wieħed jaqbad it-taraġ li jagħti għal Triq l-Inkurunazzjoni.

2.3.3. Il-Kunsill innota l-applikazzjoni.

**2.4.1. Danni allegatament sofferti minn Carol Calleja ta` Walsh Co. Ltd (D/5)**

2.4.2. Is-Segretarju aċċenna li f'Lulju 2006, Carol Calleja, direttur ta' Walsh Co. Ltd, kien ħa lill-Kunsill quddiem iċ-Ċentru Malti ta' l-Arbitraġġ sabiex jillikwida d-danni li huwa allegatament sofra f'ħabta ma' *buildout* fil-bankina li hemm fi Triq il-Marfa kantuniera ma' Triq it-Trill. Fis-sentenza li ngħatat fil-5 ta' Novembru 2008, l-Arbitru kkonkluda li ma jirriżultax illi l-bankina ma saritx skond ma titlob l-arti u s-sengħa, iżda minħabba li Calleja ma kienx attent għall-konfigurazzjoni tat-triq. L-Arbitru kompla jgħid li Calleja naqas ukoll li jipprovdi xhieda biżżejjed biex jipprova li l-inċident fil-fatt seħħ. Għaldaqstant l-Arbitru ċaħad it-talbiet ta' Calleja, bl-ispejjeż u drittijiet kollha jitħallsu mill-istess Calleja.

2.4.3. Il-Kunsill innota l-eżitù tal-każ.

**2.5.1. Introduzzjoni ta' *speed camera* fi Triq il-Kbira (W/3/2)**

2.5.2. Saret referenza għal ittra datata 4 ta' Novembru 2008, fejn it-Taqsima għall-Immaniġġjar tat-Traffiku (ADT) għarrfet li ma approvatx talba li mressqa mill-Kunsill f'Novembru 2005 sabiex titwaħħal *speed camera* fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Misraħ Tas-Salib. It-Taqsima għall-Immaniġġjar tat-Traffiku qalet li din it-talba ma tistax tinlaqgħa peress li ma tissodisfax il-kriterji applikati mid-Dipartiment tat-Trasport tar-Renju Unit.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Premju lill-Kunsilli Lokali għall-Kontribut lill-Isport Malti (N/1/Vol II)**

2.6.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 29 ta' Settembru 2008 mibgħuta mill-Kumitat Olimpiku Malti fejn tħabbar li ser jibda jingħata premju li dak il-Kunsill Lokali li jkun ta l-akbar kontribut lill-isport Malti. Il-Kunsilli li jistgħu jiġu nominati jridu jkunu:

- Organizzaw attivitajiet sportivi anke bejn l-iskejjel tal-lokal;
- Organizzaw seminars dwar l-isport u s-saħħa fiżika;
- Għenu lill-għaqdiet sportivi tal-lokal;
- Ipprovdew faċilitajiet sportivi ġodda jew tiġdid ta' oħrajn eżistenti;
- Bnew monumenti ġodda b'tema sportiva.

2.6.3. Il-Kunsill ġie nfurmat li saru rappreżentazzjonijiet mal-Kumitat Olimpiku dwar l-iniżjattivi li diġa ttieħdu mill-Kunsill, kif ukoll oħrajn li jinsabu fil-programm ta' ħidma tas-Sitt Kunsill. Dawn kienu jinvolvu:

- Rikonoxximent tas-suċċessi miksuba mill-isportivi tal-lokal permezz ta' l-attività L-Isportivi Melleħin tas-Sena;
- Sports waqt l-Iljieli Melleħin;
- Tisħib fl-Iskema *Girls on the Move* intiża biex tinkoraġġixxi bniet u tfajliet jieħdu sehem fl-isports;
- Sports fuq il-Bajjiet Melleħin matul ix-xhur tas-sajf;
- Sports fl-Iskola Primarja; u
- Tiġdid ta' faċilitajiet sportivi eżistenti fil-*Ground* Ta' Pennellu u oħrajn ġodda bħala parti mill-proġett f'Ta' l-Ibraġ.

2.6.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 3.0. Tqegħid ta` Karti

- Skeda ta’ Pagamenti – 16/10/08 – 05/10/08
- Skeda ta’ Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 17/09/08 – 21/10/08
- Skeda ta’ Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 22/10/08 – 29/10/08
- Skeda ta’ Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 30/10/08 – 03/11/08
- *Purchase Request Form* – 05/11/08
- Skeda ta` ilmenti - 0667/08 – 0719/08
- Skeda ta` korrispondenza li waslet
- Skeda ta` korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku – 30/09/08
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 28/11/08

## 4.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 4.1.1. Estensjoni tal-lukanda Ramla Bay (P/5/8/R)

4.1.2. Saret referenza għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti. Il-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta’ *e-mail* datat 7 ta’ Novembru 2008, il-periti nkarigati mill-proġett imsemmi – M.P. & D.C. Ltd – qalu li l-iżviluppaturi lesti li jimplimentaw pjan tat-tmexxija kif indikat fl-*outline development permit* tal-MEPA. B’hekk il-posizzjoni tal-Kunsill tkun waħda konsultattiva iktar milli *sponsor* ta’ l-imsemmi pjan. Għaldaqstant, l-operatur tal-lukanda jew xi organizzazzjoni mhux governattiva jistgħu jkunu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-pjan, li jinvolvi diversi aspetti illi jeħtieġu jiġu diskussi mal-Kunsill.

4.1.3. Kompla jiġi spjegat li dwar il-*Planning Contribution*, l-iżviluppatur qed jitlob li l-ammont jinżamm raġġjonevoli sabiex ikun jista’ jsir xi titjib quddiem il-lukanda. Qed jipproponi wkoll li l-fondi hekk mgħoddija lill-Kunsill jintużaw fuq il-proġetti skond il-prioritajiet li għandu.

4.1.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li m’għandux jinħoloq preċedent, fis-sens li l-*Planning Contribution* għandu jidħol sħiħ fil-Fond għall-Titjib Urban amministrat mill-MEPA. Għaldaqstant, il-benefikati li jsiru fuq l-medda ta’ art li tinsab qabel wieħed jidħol għal-lukanda, għandhom jsiru mis-sidien ta’ l-istess lukanda.

4.1.5. Kien hemm qbil ukoll li sakemm il-parkeġġ jibqa’ aċċessibbli għall-pubbliku, il-Kunsill għandu jkun responsabbli għall-manutenzjoni tiegħu.

### 4.2.1. Kawża dwar il-qlib ta' l-ilma tax-xita fi Triq Toni Pace (T/4/13/Vol VIII)

4.2.2. Saret referenza għall-minuta 11.1. tas-seduta preċedenti. L-Avukat Dr John Bonello għadda abbozz tar-risposta tiegħu, fejn ta dekrizzjoni ħafif tax-xogħol li sar u l-fatti kif magħrufa mill-Kunsill. Ta wkoll lista tax-xhieda li jistgħu jitħarrku minn naħa tal-Kunsill. Central Asphalt Ltd ġew notifikati li huma wkoll bħala intimati f’din il-kawża. L-avukat talab permess sabiex jidher f’isem Central Asphalt billi ġie mitlub jagħmel hekk minnhom stess.

4.2.3. Il-Kunsill ra u approva t-test tat-tweġiba, kif ukoll li Central Asphalt Ltd ikunu rappreżentati minn Dr John Bonello.

### 4.3.1. Ipparkjar fi Triq Snajjin (T/3/2/Vol X)

4.3.2. Saret referenza għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti. Kif kien ġie deċiż, intbagħtet ittra lir-residenti ta’ Triq Snajjin, bejn Triq il-Ħasira u l-parkeġġ, fejn inġibdet l-attenzjoni li kemm-il darba jsiru linji sofor fuq iż-żewġ naħat tat-triq, ħadd ma jkun jista’ jipparkja, inkluż l-istess residenti. L-ittra ġiet lura ffirmata minn tnax-il resident li qrawha. Inġibdet l-attenzjoni li xi residenti li joqgħodu isfel nett, fuq iż-żewġ naħa ta’ Triq Snajjin, ma ffirmawx l-ittra.

4.3.3. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill iddeċieda li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet lill-Unit għall-Maniġġ tat-Traffiku f’dan is-sens.

4.3.4. Il-Viċi Sindku E. Bartolo ppropona li l-*hatching* illi hemm fil-parkeġġ, biswit it-taraġ ta’ Triq Adenau għandu jitneħħa sabiex tkun tista’ tiġi pparkjata vettura oħra. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li resident qed jitlob li minflok il-*hatching* għandha ssir bankina tal-konkos, billi qed jiġu vetturi biex idawwru, bir-riżultat li jidħol id-duħħan tagħhom minn tieqa li għandu fil-livell tat-triq.

4.3.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir spezzjoni fuq il-post qabel tittieħed deċiżjoni finali.

### 4.4.1. Immaniġġjar ta' artijiet fl-inħawi ta' Aħrax mill-Għ.K.N.K.M. (A/6/1)

4.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sur R. Cutajar qal li minn kuntatti riċenti li huwa kellu mal-Birdlife Malta, jirriżulta li parti mill-art li qed japplikaw għaliha l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonist tal-Mellieħa, tirkeb fuq l-art marbuta mal-Proġett Garnija tal-Birdlife. L-istess organizzazzjoni qed issostni li għandha proġett ta' €1.2 miljuni, li parti minnhom diġa ġew mgħoddija mill-Unjoni Ewropea. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa favur illi jkun hemm sens ta' bilanċ f'dik l-affari u għalhekk għandha ssir laqgħa mal-Ministru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali George Pullicino, kif ukoll mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Artijiet u Erarji Pubbliċi Jason Azzopardi.

4.4.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li ċerti nħawi ġewwa l-Aħrax tradizzjonalment jappartjenu lill-kaċċaturi. Dan kien formalizzat permezz ta' ittra mibgħuta lill-Għ.K.N.K.M. mill-ex-Prim Ministru Karmenu Mifsud Bonnici

4.4.4. Il-Kunsill approva l-proposta tas-Sindku.

### 4.5.1. Konferenza għall-Komunità Melleħija (M/4/3)

4.5.2. Is-Sindku rrefera għall-konferenza msemmija, li saret fil-25 ta' Ottubru 2008 u li kellha t-tema *"Il-Familja Melleħija fis-Soċjetà Maltija?".*

4.5.3. Intqal li filwaqt illi kien hemm ċerti kelliema li kienu preparati u għandhom esperjenza fil-qasam tagħhom, dak li tkellem dwar it-turiżmu ma kienx daqshekk ippreparat.

4.5.4. Il-Kunsillier P. Cutajar irrimarka li kien hemm waqtiet li d-diskorsi u d-diskussjoni ma baqgħux fuq it-tema magħżula.

4.5.5. Is-Sur R. Cutajar wieġeb li xi kelliema kellhom jinbidlu fl-aħħar ħin minħabba li kellhom inpenji oħra. Huwa qal ukoll li għalkemm sar sforz sabiex ir-*rapporteurs* ikunu ġurnalisti residenti fil-Mellieħa, dan ma kienx possibbli minħabba raġunijiet ta' xogħol.

### 4.6.1. Injezzjonijiet kontra l-influwenza (M/8/Vol III)

4.6.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 13.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-għoti ta' l-injezzjonijiet intemm nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ottubru 2008. Dawn ingħataw b'mod volontarju mis-Sur Philip Bezzina. L-injezzjonijiet għal dawk li m'humiex fis-sodda jew li ma joħorġux minn djarhom ser jingħataw aktar tard.

4.6.3. Il-Kunsill talab li tintbagħat nota ta' ringrazzjament lis-Sur Bezzina.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 5 ta' Novembru 2008.

5.3. Il-Kunsill approva l-*items* kollha elenkati fl-iskeda. Għalhekk, is-Segretarju ntalab sabiex jibgħat il-*Purchase Orders* relattivi.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta` Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet imressqa wkoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn is-16 ta' Ottubru u l-5 ta' Novembru 2008.

6.3. Tressqu wkoll tliet skedi ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li flimkien ikopru l-perjodu 17 ta' Settembru sat-3 ta' Novembru 2008

6.4. Il-Kunsill ra l-kontenut ta' l-erba' skedi u approva l-pagamenti elenkati fihom.

### 7.1. Tħejjijiet għall-attivitajiet:

#### (a) Attività ambjentali qrib it-Torri l-Aħmar (A/3/Vol II)

7.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li t-*Tree Planting Weekend* li kellha ssir ġewwa l-Aħrax mill-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali fl-14, 15 u 16 ta' Novembru 2008, issa ġiet trasferita għal Għajn Tuffieħa. L-14 ta' Novembru ser jiġi dedikat lit-tfal u għalhekk it-tfal ta' Years 5 u 6 fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa ser jiġu mħajjra jipparteċipaw.

7.3. Is-Sindku qal li l-Ministeru ser jipprovdi t-trasport lejn Għajn Tuffieħa. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li l-kumpanija Time International (Sports) Ltd ser jipprovdu numru ta' siġar.

7.4. Is-Sur Azzopardi kompla jgħid li fil-15 ta' Novembru 2008 ser isir tindif f'diversi postijiet, skond kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti | L-imsaġar ta' l-Aħrax |
| Assoċjazzjoni tas-Sidien tal-Caravans u Bungalows ta' l-Għadira | L-inħawi qrib il-Caravan Site |
| Għaqda tan-Nar - Mellieħa | Fuq Ġnien Ingraw |
| Art Club 2000 | Ix-Xagħra tat-Tunnara |
| Mellieħa Scout Group | Fortizza tas-Salib |
| Tindif individwali | Qiegħ-il baħar qrib il-Moll tat-Tunnara |

7.5. Nhar il-Ħadd 16 ta' Novembru, l-attività ser terġa tkun f'Għajn Tuffieħa fejn ser ikun hemm titjir tat-tajr (*kites*) mit-tfal, tħawwil ta' siġar u l-kompetizzjoni għat-tfal dwar il-ġbir tal-plastik. Is-Sur J. Azzopardi qal li t-tfal ser jingħataw *voucher* ta' €1 għal kull borża li jġibu, filwaqt li minn iġib akbar numru, jingħata *voucher* li jissaraf f'xi lukanda jew ristorant fil-Mellieħa.

7.6. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

### (b) Stedina għall-Festa taż-Żejt f'Cavriglia (K/1/5/3/Vol II)

7.7. Fid-dawl tad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta preċedenti, is-Segretarju ressaq stima ta' l-ispejjeż dwar il-biljetti ta' l-ajru u dawk ta' l-akkomodazzjoni li kienu jammontaw għal €731.71 u €1,120, rispettivament. Huwa aċċenna wkoll li l-Comune di Cavriglia lest li jagħti €400 sussidju fuq l-akkomodazzjoni u b'hekk l-ispiża totali tammonta għall-€1,451.71 (Lm623.22). Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li filwaqt li t-trasport minn u lejn l-ajruport ta' Pisa ser jiġi pprovdut mill-Comune, l-ispejjeż tal-vjaġġi lejn l-ibliet ta' Firenzi, Siena u San Giovanni Valdarno, kif ukoll l-ikliet, jridu jitħallsu mill-membri tal-grupp.

7.8. Wara aktar diskussjoni, ġie deċiż li flimkien mal-biljetti ta' l-ajru, il-Kunsill għandu jkopri wkoll l-ispiża ta' l-akkomodazzjoni għall-ħames kunsillieri u uffiċjal, sakemm l-ispiża totali ma' taqbisx €1,500.

7.9. Is-Sindku għarraf li minħabba mpenji li huwa ser ikollu in konnessjoni ma' l-attivitajiet marbuta mal-ħmistax-il anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali, kif ukoll it-tħejjija għall-Milied Mellieħi, x'aktar li mhux ser ikun possibbli li huwa jmur f'Cavriglia.

7.10. Is-Sur R. Cutajar ippropona wkoll li kull persuna li ser tifforma parti mill-grupp għandha tintalab tħallas ammont nominali ta' €40 sabiex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-eskurzjonijiet eċċ li mhux ser ikunu koperti mill-Comune di Cavriglia.

### (ċ) Attività Milied Mellieħi (A/5/3/6)

7.11. Is-Sindku qal li fis-7 ta' Novembru 2008, huwa flimkien mas-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni ndirizzaw konferenza stampa fejn ġie mniedi l-"Milied Mellieħi" li ser jiżvolġi bejn id-19 u s-26 ta' Diċembru 2008 f'Misraħ il-Parroċċa. Is-Sur R. Cutajar skuża ruħu li bi żvista ma' ntbagħatitx notifika lill-kunsillieri minn qabel, dwar il-konferenza stampa u għalkemm informahom personalment, forsi kien tard wisq biex jattendu.

7.12. Is-Sur R. Cutajar spjega li kif sar fl-Iljieli Melleħin, ser ikun hemm involviment qawwi mill-għaqdiet tal-Mellieħa, hekk li l-Art Club 2000 ser jorganizzaw kompetizzjoni tal-kejkijiet u tal-presepji, il-British Residents Association ser ikunu qed iħejju għall-bejgħ ikel tradizzjonali Ingliż assoċjat mal-Milied u l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti

ser ikunu preżenti wkoll bl-imbuljuta u l-qastan. Il-Mellieħa Football Nursery, l-Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista, l-Għaqda Nisa Ferrieħa, l-Għaqda Mużikali Imperial, is-Società Filarmonica La Vittoria u ż-Żgħażagħ taċ-Ċentru Parrokkjali wrew interess li jipparteċipaw. Persuna mill-Awstrija ser tkun qed tagħmel Appel Strudel li ser tiġi sponsorjata mill-Bawag Bank u l-Lufthansa. L-għodod tal-kċina meħtieġa ser jiġu pprovduti mill-Istitut għall-Istudji Turistiċi.

7.13. Il-membri tal-MUSEUM ser ikunu qed jiżbgħu l-Bambini u joffruhom lill-pubbliku, preżenti taħt it-tinda. Il-Mellieħa Scout Group ser ikollhom *stand* biex ibiegħu l-pubblikazzjoni tal-Kunsill – Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien / *Mellieħa Through the Tides of Time*.

7.14. Qal ukoll li kull filgħaxija ser ikun hemm divertiment mużikali mill-baned tal-Mellieħa, l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, Big Band Brothers, Freddy Portelli, Philip Vella u Victor Galea. Ser jintremgħu erba' palkijiet, mislufa mid-Dipartiment tal-Kultura. Is-Sindku għarraf li l-ispettakolu pprovdut mill-Big Band Brothers u minn Freddy Portelli ser ikun bi ħlas.

7.15. Is-Sindku għarraf li kien hemm persuna li offriet numru ta' ġugarelli sabiex jingħataw donazzjoni lit-tfal li jkunu preżenti taħt it-tinda, filwaqt li ser ikun hemm l-opportunità li jittieħdu ritratti ma' *Father Christmas*.

7.16. Is-Sur R. Cutajar qal li qed isiru kuntatti ħalli jinġieb *sponsorship* bil-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż. Saret ukoll talba lis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni sabiex tingħata għajnuna finanzjarja taħt il-vot għal dan il-għan imħabbar fl-estimi tal-Gvern Ċentrali.

7.17. Il-Kunsill innota u approva l-proposti mressqa.

## 8.1. Inizjattivi finanzjati permezz ta' programmi mill-Unjoni Ewropea li jirrigwardaw: (P/10/1/Vol III)

### (a) Skambji ta' żjarat mit-tfal ta' Cavriglia u dawk tal-Mellieħa taħt il-Programm COMENIUS (P/10/2)

8.2. Is-Sindku għarraf li tkomplew il-kuntatti mal-Kap ta' l-Iskola Primarja bil-għan li jitħejja programm għall grupp ta' 40 tifel u tifla ġejjin minn Cavriglia. Is-Sur R. Cutajar qal li dan ser jiġi finalizzat fl-laqgħa oħra ppjanta għat-12 ta' Novembru. Il-programm għaż-żjara tat-tfal Melleħin f'Cavriglia ġie mfassal u diskuss mill-Comune. L-applikazzjoni għall-finanzjament ta' din l-inizjattiva ser issir permezz tal-programm Comenius ta' l-Unjoni Ewropea.

8.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### (b) Proġett taħt il-*YOUTH INITIATIVE PROGRAMME*

8.4. Is-Sindku għarraf li t-tema tal-proġett li ser jitwettaq minn grupp ta' żgħażagħ mill-MCAST ser jkollu t-tema "*Environment Through Arts*". Aspett minn dan il-proġett, ser tkun sessjoni ta' tpingija fi Ġnien il-Qiegħan għall-ħabta ta' l-Għid 2009. Ix-xogħlijiet li jsiru jistgħu jiġu rkantati u l-flus li jinġabru jingħataw donazzjoni b'filantropiku.

8.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### (c) *Local Action Group* – Programm LEADER

8.5. Is-Sindku għarraf li n-numru ta' kunsilli lokali li ssieħbu fl-LAG huma Ħad-Dingli, Attard, Rabat, Mġarr, Għargħur, l-Iklin, Naxxar, Ħal-Lija, San Pawl il-Baħar u Mellieħa. Il-Bord ta' LAG ser ikun kompost min-Naxxar, San Pawl il-Baħar, Mġarr u Ħal-Lija. Is-Sur R. Cutajar qal li sad-data tas-seduta, mill-Mellieħa ssieħbu l-i*Scouts*, l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina u l-Koperattiva Rurali tal-Manikata. Dr Gordon Cordina ser ikun il-persuna fuq il-Bord biex iħares l-interessi tal-Mellieħa.

8.6. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li ż-żewġ LAG's li twaqqfu f'Malta u dik ta' Għawdex, flimkien jikkwalifikaw għal total ta' €4 miljun, li jridu jintefqu fuq proġetti li jinvolvu ħarsien ta' l-ambjent rurali, bħalma huwa bini u tiswija ta' ħitan tas-sejjieħ, restawr ta' bini storiku, tindif ta' widien eċċ.

8.7. Ġie deċiż li d-diskussjoni dwar l-identifikazzjoni tal-proġetti għandha titpoġġa fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss sabiex is-suġġett jiġi diskuss fil-preżenza ta' Dr Gordon Cordina.

**9.1. Sejħiet għall-offerti marbuta mat-tieni fażi tal-Proġett tal-*Playing Field* fil-wesgħa bejn Triq l-Għasel, Triq ix-Xehda u Triq il-Miġbħa` (P/4/23)**

9.2. Inġibdet l-attenzjoni għall-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tat-28 ta' Ottubru 2008, fejn saret rakkomandazzjoni sabiex issiru sejħiet għall-offerti bil-għan li titkompla t-tieni fażi tal-proġett imsemmi. Fl-istess laqgħa, il-*Contracts Manager* ressaq *bill of quantities* bil-prezzijiet stmati li jammontaw għall-€232,338 (Lm99,743). Il-Bord irrakkomanda wkoll li għandha ssir sejħa apparti, fil-każ tas-Sistema tat-Tisqija, Tħawwil ta' Siġar u Arbuxxelli.

9.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li matul is-sena finanzjarja kurrenti hemm biss fondi vvutati għall-ewwel fażi li għadha kemm tlestiet, li l-kontijiet dwarha għadhom ma ġewx sottomessi. Huwa għalhekk ippropona li s-sejħa ssir hekk kif jiġu approvati l-estimi għas-sena finanzjarja 2009/2010.

9.4. Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' sejħiet kif propost mis-Segretarju.

**10.1. Noah`s Ark Animal Sanctuary (A/6)**

10.2. Is-Sindku ppropona li għandha ssir għotja ta' b'kemm jiswew €600 ikel għall-klieb miżmuma fin-Noah's Ark Animal Sanctuary. Dan bħala rikonoxximent għas-servizz li l-organizzazzjoni msemmija qed tirrendi fil-lokalita` b'riżq klieb abbandunati. Intqal ukoll li Noah's Ark ġew mgħejjuna fit-tindif li sar qrib is-santwarju li jinsab fl-inħawi ta' Wied Musa, ġewwa l-Aħrax.

10.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**11.1. Laqgħa mal-Membru Parlamentari Ewropew Simon Busuttil (M/4/2/Vol III)**

11.2. Is-Sindku aċċenna għal-laqgħa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill mad-Deputat Parlamentari Ewropew l-Onor. Dr Simon Busuttil fil-31 ta' Ottubru 2008. Għall-istess laqgħa kienu preżenti l-kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier H. Fenech li kien skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

11.3. Fl-introduzzjoni tiegħu, l-Onor. Busuttil qal li għalkemm il-kunsilli lokali u d-Deputati Ewropew jaħdmu fuq livelli differenti, ma jfissirx li m'għandux ikun hemm kuntatti bejniethom. Bi sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, dawn il-kuntatt saru aktar importanti, fid-dawl tat-talbiet li jsiru mill-kunsilli lokali sabiex jiksbu finanzjament ta' proġett mfassla mill-istess kunsilli. Huwa kkummenta wkoll li l-kunsill jista' jiddemoralizza ruħu sakemm ikollu l-ewwel talba li tiġi aċċettata. Onor Busuttil ta parir li wieħed ma jridx jaqta' qalbu mill-burokrazija nvoluta f'dawn it-talbiet.

11.4. Is-Sur R. Cutajar qal li fil-laqgħa sar aċċenn għall-konġestjoni tat-traffiku u tniġġiż ta' l-arja fit-toroq ewlenin. Intqal li proposta li spiss issir tinvolvi t-tneħħija tal-karozzi tal-linja u l-introduzzjoni ta' *shuttle service* permezz ta' *minibuses,* li jikkollegaw mas-servizz normali tal-linja, minn fejn ir-*roundabout* ta' Selmun u u l-venda ta' l-Għadira. Saret ukoll il-mistoqsija dwar jekk dan it-tip ta' proġett jikkwalifikawx għal finanzjament taħt xi programm mill-Unjoni Ewropea.

11.5. L-Onor. Busuttil wieġeb li l-Unjoni tagħti importanza kbira lil proġetti fejn ikun qed isir sforz biex jiġu osservati l-i*standards* tagħha f'dak li huwa ambjent eċċ. Huwa qal ukoll li dawn it-tip ta' fondi jingħataw lill-gvernijiet ċentrali li jużawhom skond il-prioritajiet tagħhom. Għalhekk ikun għaqli li l-kunsill jagħmel pressjoni f'dik id-direzzjoni. Dr Busuttil qal li jistgħu jitħabbru skemi ġodda meta jiġu mħabbra l-Estimi ta' l-Unjoni 2009 – 2013,.

11.6. Fl-istess laqgħa ssemmiet il-possibiltà li jinkiseb finanzjament għal titjib ta' żoni turistiċi. Wara l-laqgħa, l-Onor. Busuttil ittieħed fi Triq Ġorġ Borg Olivier, kif ukoll għal żjara fis-sede tas-Società Filarmonica La Vittoria u ta' l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina.

12.1. **Arbli ta' l-elettriku perikolużi** **(W/3/Vol X)**

12.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg ilmenta li l-Korporazzjoni Enemalta qed twaħħal arbli b'tali mod li qed joħolqu dehra kerha u anke periklu fit-toroq. Huwa qal li dawn jinsabu fil-postijiet segwenti:

- Triq il-Kappillan Magri k/m Triq il-Qalb Imqaddsa;
- Triq Franġisk Zahra k/m Triq Santa Marija;
- Triq Franġisk Zahra bejn Triq San Ġużepp u Triq San Mikiel.

12.3. Is-Segretarju qal li forsi trid issir distinzjoni bejn arbli li jitwaħħlu temporanjament sakemm ikun għaddej xogħol ta' kostruzzjoni u oħrajn li twaħħlu b'mod permanenti.

12.4. Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni ta' l-Enemalta dwar il-każi msemmija.

13.1. ***Tournament* tas-*Snooker* u *American Pool*** **(S/4/2/Vol II)**

13.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li qed isiru kuntatti sabiex flimkien mat-*tournament* li ilu jsir mill-1997, jkun hemm ieħor ta' l-*American Pool*. Iż-żewġ kompetizzjoni jkunu miftuħa għal individwi li jkunu jixtiequ jikkompetu bħala tim taħt l-isem ta' każin, iċ-Ċentru Parrokkjali jew xi bar.

13.3. Il-Kunsill innota u approva l-proposta.

14.1. **Seminar għas-Segretarji u *PRO*'s ta' l-Għaqdiet** **(K/2/53)**

14.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għas-seminar imsemmi hawn fuq li sar nhar is-Sibt 8 ta' Novembru 2008 fil-Video Room ta' l-Iskola Primarja tal-Mellieħa. Huwa kkummenta li s-Sur Peppi Azzopardi, mill-kumpanija Where's Everybody, ta taħdita nteressanti dwar metodi li jistgħu jintużaw mill-għaqdiet biex jippromwovu attivitajiet li jkunu ser jtellgħu. Is-Sur Ray Abela minn T.C.T.C. Ltd aċċenna dwar għoddod elettroċini moderni li huma utli biex l-għaqdiet iwasslu l-messaġġ tagħhom b'heffa u inqas spejjeż. Huwa qal li minbarra l-kunsillieri, kien hemm preżenti ħmistax-il persuna oħra minn għaqdiet differenti. L-attendenza forsi kienet tkun aħjar li kieku ntgħażlet ġurnata oħra fost-il ġimgħa.

14.3. Il-Kunsill innota l-kummenti li saru.

15.1. **Kontaminazzjoni ta' spejjer fil-Qammieħ** **(W/2/1)**

15.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għal rapporti li saru minn bdiewa li għandhom raba saqwi fl-inħawi msemmija. Huwa qal li anke jekk it-tniġġiż mill-mini tad-drenaġġ jitwaqqaf minnufih, xorta waħda l-ispejjer ma jkunux jistgħu jintużaw għal żmien twil.

15.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ilmenta wkoll li, in konnessjoni ma' l-istess proġett, saret ħsara fuq ħitan tas-sejjieħ u *retaining walls* fil-post magħruf bħala l-Wied tal-Ħanżira li jinsab bejn il-barriera u Triq tal-Prajjet.

15.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir stqarrija għall-istampa fejn tinġibed l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet konċernati dwar in-nuqqasijiet imsemmija.

16.1. **Pannelli Fotovoltaiċi** **(K/1/2/Vol V)**

16.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li l-Kunsill jista' jservi ta' xprun biex individwi u organizzazzjoni jieħdu inizjattivi biex inaqqsu l-konsum ta' l-enerġija. Pass f'din id-direzzjoni jkun l-installazzjoni ta' pannelli fuq il-bejt ta' l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill u forsi anke f'ġonna pubbliċi.

16.3. Il-Kunsill innota s-suġġerimenti li saru.

17.1. **Parkeġġ ikkontrollat bil-ħin fit-toroq ewlenin** **(T/3/3/Vol III)**

17.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi lmenta li mhux qed isir użu mill-arloġġi fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier u għalhekk huwa evidenti li l-infurzar mill-Gwardjani Lokali huwa ineżistenti.

17.3. Il-Kunsill iddeċieda li dan is-suġġett għandu jiġi nkluż fl-aġenda tas-seduta li jmiss.

**18.1. Żamma taċ-ċimiterji (C/7)**

18.2. Is-Sindku għarraf li qed issir pressjoni fuq id-Dipartiment għas-Saħħa Ambjentali, bil-għan li jkun hemm manutenzjoni regolari taż-żewġ ċimiterji fil-Mellieħa. Is-Sur R. Cutajar qal li b'riżultat ta' dan, sar it-tikħil ta' l-oqbra fiċ-Ċimiterju Sultana tal-Vittorji. Huwa stqarr ukoll li permezz tal-ħaddiema mit-Taqsima tax-Xogħlijiet tħammlet biċċa art biswit iċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena, bil-għan li tittaffa l-problema tan-nuqqas ta' parkeġġ. Din l-inizjattiva għandha ma ġietx finalizzata, peress li jeħtieġ jsiru aktar konsultazzjonijiet ma' sid l-art.

18.3. Is-Sur R. Cutajar ħabbar li saret proposta verbali mid-Dipartiment, fis-sens li tingħata allokazzjoni ta' €11,645 (Lm5,000) kull sena, bil-għan li l-Kunsill jużaha għall-manutenzjoni taż-żewġ ċimiterji. Is-Sindku qal li l-kuntatti għadhom għaddejjin.

18.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta fil-prinċipju, għalkemm jeħtieġ jiġi stabbilit it-tip ta' manutenzjoni mistennija bl-allokazzjoni offruta.

**19.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2009 (A/5/3/1/Vol X)**

19.2. Is-Sindku ppropona li l-edizzjoni li jmiss ta' Jum il-Kunsill issir fis-27 ta' Frar 2009, minflok f'Jannar. Huwa ssuġġerixxa li jittellgħa *musical* illi jittratta diversi episodji fl-istorja tal-Mellieħa, li jinkludi l-grajjiet li jidhru hawn taħt:

- Il-Mellieħa;
- Żmien il-Feniċi;
- Il-Widien tal-Mellieħa;
- Is-Santwarju tal-Madonna;
- Il-Fortifikazzjonijiet;
- It-Tieni Gwerra Dinjija u x-Xelters;
- It-Turiżmu fil-Mellieħa;
- Avvenimenti Nazzjonali b'laqta' Lokali;
- L-Għaqdiet tal-Mellieħa; u
- It-Twaqqif tal-Kunsill Lokali.

19.3. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa diġa kellu kuntatti mal-kompożitur Philip Vella u l-istoriku Jimmy Muscat dwar din l-ideja. L-ispots li s-soltu jittellgħu mill-għaqdiet mużikali tal-Mellieħa, din id-darba jitħallew, peress li l-*musical* jieħu madwar siegħa.

19.4. Il-Kunsill iddeċieda li dan is-suġġett għandu jitpoġġa fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-10.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn l-1 ta' Diċembru 2008 fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**